MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Numru. 297/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**

**vs**

**Salvatore Baldacchino**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Salvatore Baldacchino ta’ 44 sena iben Philip u Teresa Micallef, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Ottubru, 1961 u residenti 5, La Hacienda, Triq l-Ispiera, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 684861 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-lejl bejn it-28 u 29 ta’ Marzu 2006 gewwa is-Swieqi, San Giljan flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq tabelli tas-sinjali tat-traffiku mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) imma izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta’ April 2006 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-29 ta’ Marzu 2006 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda hsara volontarja li giet kawzata f’tabelli tat-traffiku fit-toroq tas-Swieqi, liema hsara saret ghad-detriment tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi u kienet tammonta ghas-somma ta’ mitejn u tmintax-il lira Maltin (Lm218). Mill-provi rrizulta li fid-29 ta’ Marzu 2006 il-Pulizija tal-Ghassa ta’ San Giljan rceviet rapport minghand persuna li riedet tibqa’ anonima li qal li huwa kien ghadu kemm irritorna lura d-dar tieghu is-Swieqi u kien innota ragel liebes flokk beige u qalziet skur u li kellu xaghru kannella, li kien qed idur b’bott spray f’idejh u kien qed jagixxi b’mod suspettuz. Din il-persuna li baqghet anonima qalet lil Pulizija li kienet innutat li kien hemm diversi tabelli is-Swieqi li kienu gew sprejjati bil-kulur. Meta marru l-Pulizija fl-inhawi lilhom indikati, fi Triq il-Wied, Swieqi innutaw ragel, li kien jaqbel mad-deskrizzjoni lilhom moghtija fit-telefonata anonima u meta

waqfuh dan indikalhom li l-bott tal-ispray abjad f'idejh u kien qalilhom li kien ghadu kemm sprejja tlett tabelli tat-traffiku u spjega li kien ghamel dan bhala sinjal ta' protesta kontra l-Kunsill Lokali tas-Swieqi. Dan ir-ragel, li jirrizulta li huwa l-imputat fil-kawza odjerna, gie arrestat u wara li gie interrogat gie mressaq il-Qorti akkuzat bl-akkuzi de quo. Meta sabuh il-Pulizija l-imputat kellu idejh u l-flokk li kien liebes imcappsin biz-zebgha hamra, liema zebgha kienet ghadha friska.

Fid-29 ta' Marzu 2006 l-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 18 u 19 tal-process) fejn spjega li ghal habta ta' nofs il-lejl huwa kien qieghed f'bar l-Imsida fejn kien hemm ukoll zewgt irgiel li kienu jafu li huwa joqghod is-Swieqi. Huwa qal li kien jaf lil dawn iz-zewgt irgiel biss minn wicchom u dawn talbuh sabiex iwassalhom sa Paceville. L-imputat kompla jghid li meta wasslu Paceville bdew jitkellmu fuq it-tabelli tas-sinjali tat-traffiku li kienu ghadhom kemm tpoggew fit-toroq tas-Swieqi u  li dak il-hin kienu mghottijin b'boroz suwed, u huwa beda jgerger li t-toroq tas-Swieqi kienu gejjin kollha One Way u No Entry. Huwa jghid li fil-vann kellu l-ghodda tax-xoghol u wiehed mill-irgiel kien qabad il-bott tal-ispray u beda' jcekcek dan il-bott u nqalghet in-nozzle.  L-imputat qal li  huwa pparkja l-vettura quddiem il-bieb tad-dar tieghu u qal liz-zewgt irgiel sabiex jitilqu u qabad il-bott tal-ispray ahmar. Malli qabad il-bott inqalghet in-nozzle u meta huwa mar idahhal lura din in-nozzle f'postha beda jtir l-ispray u huwa ghalhekk iccappas bl-ispray. L-imputat sostna li wiehed minn dawn iz-zewgt irgiel qallu li kien ser jisprejja it-tabelli kollha u huwa beda' miexi maghhom. Huwa jghid li dan ir-ragel beda' jitla' mat-tabelli, inehhi il-boroz u jisprejja it-abelli bl-ispray ahmar u sakemm gew il-Pulizija kien lahaq sprejja madwar sitt tabelli. Huwa jghid li malli wasslu l-Pulizija huwa baqa' fejn kien u z-zewgt irgiel l-ohra telqu jigru.  Huwa qal li lil Pulizija mar fuqhom hu u mal-ewwel qalilhom li kien hemm tnejn min-nies ohra mieghu. Huwa cahad li lil Pulizija kien qalilhom li kien hu li sprejja it-tabelli u spjega li kellu l-ispray fil-vann tieghu ghaliex huwa kien jaghmel il-marki fit-toroq ghall-Water Services Corporation. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 48 sa 50 tal-process)

fejn huwa ta l-istess verzjoni tal-fatti moghtija fl-istqarrija dwar kif iltaqa' maz-zewgt irgiel fil-hanut l-Imsida. Huwa qal li minn dik il-gurnata qatt ma rega' ltaqa' ma dawn iz-zewgt irgiel. Huwa qal li meta wasslu hdejn id-dar tieghu wiehed mill-irgiel qallu 'mela s'hawnhekk biss ser twassalna' u huwa rrispondih sabiex jiehu pacenzja ghaliex minhabba s-sistema l-gdida tan-No Entries minn hemm biss seta jghaddi. L-imputat jghid li wiehed mill-irgiel beda' jnehhi l-boroz minn fuq in-No entry Signs li kienu mghottijin u jisprejja fuqhom. L-imputat isostni li huwa qallu sabiex jieqaf jaghmel hekk ghaliex ma kienx qed jaghmel sew izda dan kompla jisprejja. L-imputat jghid ukoll li huwa mar id-dar sabiex jghid lil mara li kien wasal u mbaghad rega' hareg sabiex ifittex lil dawk iz-zewgt irgiel u meta rega' hareg ra lil Pulizija, mar fuqhom u qalilhom li kien hemm xi nies li sprejjaw fuq it-tabelli u l-Pulizija qalulu sabiex imur maghhom u huwa sabilhom il-bott tal-ispray li kien qieghed fi Triq il-Hemmer. Huwa cahad li f'xi stadju kien qal lil Pulizija li kien hu li sprejja it-tabelli u li kien ghamel hekk bhala sinjal ta' protesta lejn il-Kunsill.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi mressqa mil-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li din irnexxilha tipprova l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni. Mix-xhieda ta' PS 419 Anton Buttigieg u mix-xhieda ta' WPC 136 Charlene Ciantar fil-fatt jirrizulta li meta l-Pulizija marru fit-toroq tas-Swieqi ftit tal-hin wara li rcevew it-telefonata anonima fejn kien qed jigi rraportat li kien hemm ragel qed jisprejja t-tabelli tat-traffiku dawn sabu lill-imputat fuq il-post lilhom indikat fit-telefonata, liema imputat gie identifikat ghaliex l-apparenza u l-ilbies tieghu kien jaqbel mad-deskrizzjoni moghtija lil Pulizija fit-telefonata anonima. Inoltre huwa instab bil-bott tal-ispray ahmar, kellu idejh u l-hwejjeg imcappsin bi spray ahmar frisk u dak il-hin ikkonferma mal-Pulizija li huwa kien sprejja it-tabelli bhala sinjal ta' protesta lejn il-Kunsill Lokali. Ghalkemm l-imputat sussegwentement cahad li kien qal dan il-kliem lil Pulizja l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilta' ta' WPC

136 u PS419 b'riferenza ghal dak li qalilhom l-imputat meta sabuh fuq il-post lilhom indikat fit-telefonata anonima bil-bott tal-ispray f'idejh u b'idejh u l-hwejjeg imcappsin bl-ispray ahmar.

Il-Qorti inoltre hija tal-fehma li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat fl-istqarrija kif ukoll dik minnu moghtija meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti hija ghal kollox inverosimili. Irid l-ewwel nett jigi rilevat li hemm varji diskrepanzi bejn dak li qal l-imputat fl-istqarrija u dak li qal meta xehed quddiem il-Qorti bhal per ezempju li fl-istqarrija huwa qal li kien mexa' mal-irgiel waqt li huma kienu qed jisprejjaw it-tabelli filwaqt li meta xehed quddiem il-Qorti biddel il-verzjoni u sostna li huwa kien waqqaf liz-zewgt irgiel mal-ewwel u kien dahal id-dar sabiex jghid lil mara li kien wasal u mbaghad rega' hareg sabiex ifittex lil irgiel. Inoltre hemm diversi ragunijet ohra il-ghala l-Qorti jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat ma tistghax titwemmen li huma is-segwenti:

1. L-imputat jghid li meta wasal Paceville wiehed mill-irgiel staqsih il-ghala ma setghax iwassalhom aktar vicin ta' fejn riedu jmorru u huwa kien irrispondih li sa hemm seta' jwasslu minhabba is-sistema l-gdida tan-No Entry signs. Mill-provi rrizulta li dawn in-No Entry Signs kienu ghadhom mghottija bil-boroz u ghalhekk is-sistema ma kienitx ghadha bdiet topera.

2. L-imputat jghid li meta gew il-Pulizija fuq il-post iz-zewgt irgiel telqu jigru u jsostni li kien hu li mar fuq il-Pulizja u qalilhom li kien hemm xi rgiel li sprejjaw it-tabelli. Il-Pulizija fl-ebda stadju ma jsemmu li raw xi rgiel ohra li telqu jigru u jghidu li huma identifikaw lill-imputat ghaliex id-deskrizzjoni lilhom moghtija fit-telefonata anonima kienet tikkombacja mal-apparenza tal-imputat u ghaliex huwa kellu l-ispray f'idejh u zebgha friska fuq idu u fuq hwejgu. Kienu ghalhekk il-Pulizija li marru fuq l-imputat u mhux vice versa, kif qed isostni hu, u f'dak l-istadju huwa bl-ebda mod ma indikalhom li kien akkompanjat minn xi nies ohra.

Fil-fehma tal-Qorti ghalkemm ma ngabitx prova diretta ta' xi hadd li ra lill-imputat qed jisprejja it-tabelli il-provi indizjarji kollha jippuntaw lejn direzzjoni wahda, u cioe' li kien l-imputat li sprejja dawn it-tabelli ghaliex huwa instab fuq il-post indikat bl-ispray ma jdejh u mal-hwejjeg u bil-bott tal-ispray li nstab mat-tabelli f'idejh. Il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Inoltre bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-imputat irnexxielu b'xi mod jiskredita dawn il-provi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-aktar piena indoneja fic-cirkostanzi tkun wahda fejn isir rizarciment lil parti leza, u cioe' il-Kunsill Lokali tas-Swieqi, u jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l- Artikoli 325 (1)(b) u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta' tmintax (18)- il xahar millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna lil-imputat sabiex sa zmien xahrejn (2) millum ihallas lill-Kunsill Lokali tas-Swieqi l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' mitejn u tmintax–il lira Maltin (Lm218.00).

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------